# Il-Kelma ta' Alla

**Laqgħa għall-adolexxenti**

## Introduzzjoni

**Ħin:** 5 minuti

**Metodu:** L-animatur jispjega x'inhi l-*Aperuit illis* u għaliex it-Tielet Ħadd ta' Matul is-Sena qed jiġi ddedikat lill-Kelma ta' Alla

**Spjegazzjoni:**
Nhar it-30 ta' Settembru 2019, il-Papa Franġisku xandar Ittra Appostolika 'Motu Proprju' – jiġifieri din l-ittra ġiet maħruġa personalment minnu għall-Knisja Kattolika. L-ittra nħarġet fil-Festa ta' San Ġlormu, li huwa qaddis li qatta' snin sħaħ f'Betlehem jittraduċi l-Iskrittura mill-ilsna oriġinali għal-Latin, u baqa' magħruf għall-frażi tiegħu: "Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu". Jekk aħna nixtiequ nsiru nafu aktar lil Kristu, jeħtieġ li nisimgħu l-Kelma tiegħu!

Il-Papa qed jistieden lill-Knisja biex niċċelebraw "Ħadd il-Kelma ta' Alla" fit-tielet Ħadd tas-sena liturġika. Dan biex ifakkarna fl-importanza tal-Kelma ta' Alla mhux biss f'dan il-Ħadd partikolari, imma matul is-sena kollha.

L-isem ta' dan id-dokument – *Aperuit illis* – huma ż-żewġ kelmiet li jibda bihom il-Papa Franġisku, meħudin mill-Vanġelu ta' San Luqa, li jiddeskrivu kif Kristu Rxoxt deher lid-dixxipli tiegħu u "fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura" (Lq 24:45). Hekk ukoll jeħtieġ li aħna nifthu moħħna u nkunu lesti biex nifhmu l-Iskrittura, anki permezz tal-ispjegazzjoni li s-saċerdot jagħti waqt l-omelija. L-omelija ddaħħalna fil-profondità tal-Kelma ta' Alla, b'lingwaġġ sempliċi u adattat għal min ikun qed jisma', u biha s-saċerdot jgħinna niskopru wkoll "il-ġmiel tax-xbihat li kien juża l-Mulej" biex iħeġġeġ għal ħajja tajba. (n. 5)

Hi qawwija r-rabta bejn l-Iskrittura Mqaddsa u l-fidi ta' min jemmen. Billi l-fidi ġejja mis-smigħ u s-smigħ idur kollu mal-Kelma ta' Kristu (ara Rum 10:17), l-istedina li toħroġ minnha hi l-urġenza u l-importanza li dawk li jemmnu għandhom iżommu għas-smigħ tal-Kelma tal-Mulej kemm fl-azzjoni liturġika, kemm fit-talb u r-riflessjoni personali. (n. 7)

## L-Ewwel Attività

**Ħin:** 5 minuti jduru mal-kamra biex jagħżlu kwotazzjoni, 15-il minuta diskussjoni, 5 minuti riflessjoni

**Metodu:**
- Jitwaħħlu 10 kwotazzjonijiet mill-Bibbja madwar il-kamra.
- Iż-żgħażagħ iqumu minn posthom, iduru madwar il-kamra jaqraw il-kwotazzjonijiet u jagħżlu l-aktar waħda li tolqothom jew li jaħsbu li tapplika għal ħajjithom. Joqogħdu ħdejn il-kwotazzjoni.
- Wara, kulħadd jaqra l-kwotazzjoni li għażel hu u lkoll jaqsmu mal-grupp għaliex għażlu l-kwotazzjoni partikolari.

**Riflessjoni:**
Il-Bibbja hija mod ta' kif Alla jkellimna. Aħna nistgħu nsiru nafu dwar Alla, dwarna nfusna, id-destin tagħna u s-salvazzjoni tagħna permezz tal-Bibbja. Il-Bibbja għandha messaġġ għal kulħadd, b'mod individwali. Mhux kulħadd jinterpretaha bl-istess mod. Barra minn hekk, jista' jkun li llum l-istess vers persuna tinterpretah b'mod differenti minn għada, skont iċ-ċirkustanza ta' ħajjitha. Minkejja li l-Iskrittura nafu li hija verità minħabba li ġiet imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, dan l-istess Spirtu għandu jgħinna biex ninterpretawha b'mod tajjeb. Iżda għandna noqogħdu attenti li ma ninterpretawx il-Bibbja mingħajr għarfien tajjeb. Għalhekk jeħtieġ li nsibu persuni li jistgħu jiggwidawna biex verament nagħrfu l-verità li hemm fiha. Il-Knisja hija fuq kollox dik li l-Mulej Ġesù fdalha f'idejha l-missjoni li tfisser għalina l-Kelma tiegħu.

## Logħba Prinċipali – *Blindfold Food Tasting Game*

**Ħin**: 20 minuta logħba, 5 minuta spjegazzjoni

**Riżorsi:**
- 10 platti
- 5 items doppji ta' ikel li huma ħelwin (sweet), eż. doughnut, ċikkulata, pasta, gallettina, ħelwa, cookie
- 5 items doppji ta' ikel li huma morri (bitter), eż. dark chocolate, grapefruit, ċikkulata tal-kafè, cranberries, brussel sprout, broccoli, kafè, larinġ, lumi
- 2 blindfolds

**IMPORTANTI li tiċċekkjaw minħabba xi allerġiji**

**Metodu:**
Il-grupp jinqasam fi tnejn u joqogħdu grupp f'tarf tal-kamra u grupp fit-tarf l-ieħor. Fiċ-ċentru tal-kamra jitpoġġew żewġ platti ftit imbegħdin minn xulxin. Kull grupp jagħżel parteċipant li jgħatti għajnejh bil-*blindfold* u jinżel għarkupptejh. L-animatur ipoġġi l-ewwel *item* fuq kull platt (eż. biċċa *doughnut* fuq kull platt) u jibda l-logħba. Il-gruppi jridu jidderieġu lill-parteċipanti lejn il-platt tagħhom billi jgħidulhom "Morr" jekk ikunu mbegħdin u "ħelu" jekk ikunu qed joqorbu. Hekk kif il-parteċipanti jsibu l-platt tagħhom, jieklu li hemm fil-platt u jridu jaqtgħu x'inhu l-ikel u jgħidu hux ħelu jew

morr. Il-grupp tal-parteċipant li jaqta', jirbaħ dak il-punt. Wara jintgħażel parteċipant ieħor għall-*item* tal-ikel li jmiss.

**Spjegazzjoni:** *L-animatur jispjega r-rabta tal-logħba ma' dawn iż-żewġ paragrafi minn* Aperuit illis:

> L-Iskrittura Mqaddsa tiżvolġi l-azzjoni profetika tagħha qabelxejn fil-konfront ta' min jismagħha. Hi tipprovoka **ħlewwa** u **mrar** fl-istess ħin. Jiġuna f'moħħna l-kelmiet tal-profeta Eżekjel meta, wara li l-Mulej stiednu jibla' l-iskroll tal-ktieb, jistqarr: "F'ħalqi ħassejtu ħelu għasel" (3:3). Anki l-evanġelista Ġwanni fuq il-gżira ta' Patmos jgħix l-istess esperjenza ta' Eżekjel li jiekol il-ktieb, imma jżid xi ħaġa aktar speċifika: "Ġo ħalqi ħassejtu ħelu għasel; iżda meta kiltu, imlieni bl-imrar ġo fija" (Apok 10:10).
>
> Il-ħlewwa tal-Kelma ta' Alla twassalna biex naqsmuha ma' dawk li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna biex nesprimu ċ-ċertezza tat-tama li hemm fiha (ara 1 Piet 3:15-16). L-imrar, min-naħa l-oħra, spiss jiġi meta nintebħu kemm hu diffiċli għalina ngħixu b'koerenza, jew meta mmissu b'idejna l-fatt li din tiġi rrifjutata għax ikun hemm min ma jarahiex valida biex tagħti sens lil ħajtu. Għalhekk, m'għandna qatt nidraw iżżejjed il-Kelma ta' Alla, imma nitrejqu biha biex niskopru u ngħixu b'mod profond ir-relazzjoni tagħna ma' Alla u ma' ħutna. (n. 12)

## Konklużjoni

**Ħin**: 5 minuti

**Riflessjoni:**
Nagħtu widen għall-Iskrittura Mqaddsa biex nipprattikaw il-**ħniena**: din hi l-ikbar sfida li għandna f'ħajjitna. Il-Kelma ta' Alla kapaċi tiftħilna għajnejna biex tgħinna noħorġu mill-individwaliżmu li jaqta' n-nifs u jħallina vojta, waqt li tiftħilna beraħ it-triq quddiemna biex naqsmu u nkunu solidali mal-oħrajn. (n. 13)

Fit-triq biex nilqgħu l-Kelma ta' Alla, timxi magħna **Omm il-Mulej**, li tissejjaħ hienja għax emmnet li jsir dak li kien qalilha l-Mulej (ara Lq 1:45). Il-beatitudni ta' Marija tiġi qabel il-beatitudnijiet kollha mħabbra minn Ġesù għall-foqra, il-maħqurin, l-umli, il-bennejja tal-paċi u dawk li huma ppersegwitati, għax hija l-kundizzjoni meħtieġa għal kull beatitudni oħra. L-ebda fqir ma hu hieni għax hu fqir; isir hieni jekk, bħal Marija, jemmen li l-Kelma ta' Alla ħa sseħħ. Dan ifakkarhulna dixxiplu u mgħallem kbir tal-Iskrittura Mqaddsa, Santu Wistin: "Xi ħadd minn qalb il-folla, partikularment mirbuħ mill-entużjażmu, esklama: 'Hieni l-ġuf li ġiebek'. U hu: 'Henjin iżjed dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha'. Qisu ried jgħid: anki ommi, li int qed issejħilha hienja, hi hienja sewwasew għax tħares il-kelma ta' Alla, mhux għax fiha l-Verb sar bniedem u għammar fostna, imma għax tħares il-Verb ta' Alla nnifsu li permezz tiegħu hi saret, u li fiha tlaħħam" (*Fuq il-Vanġelu ta' Ġwanni*, 10, 3). (n. 15)

**Prattika:**
Inħeġġu liż-żgħażagħ biex nhar ta' Ħadd jisimgħu tajjeb l-Qari tal-Liturġija tal-Kelma u jagħżlu frażi li tkun laqtithom biex jirriflettu fuqha.